MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Numru. 145/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Robert Ciantar ta' 23 sena bin Emanuel u Mary nee` Ciantar,**
**imwieled Pieta' fis-17 ta' Gunju, 1983 u residenti Numru 8, Noqra Lane, B'Bugia, detentur tal-karta ta' l-identita' 316583(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Robert Ciantar li gie akkuzat talli:

1. F'Jannar 2007 u fix-xhur immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu

ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitt lira (Lm100), izda mhux aktar minn elf lira (Lm1000) ghad-dannu ta' Schembri Concrete Blocks Ltd. Ai termini ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Schembri Concrete Blocks Ltd, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat Robert Ciantar ammetta fi stadju bikri ta' dawn l-proceduri l-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghalhekk fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qieset illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u anke fl-istqarrija tieghu (Dokument RC2) rilaxxjata lill-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghhom, huwa ammetta dak kollu li kien ghamel. Ikkunsidrat inoltre illi l-imputat illum hallas lill-parti leza d-danni lilhom kagjonati u dana fi flus kontanti.

Irrizulta inoltre illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti u illi dak li ghamel sar fi zmien meta l-imputat kien jinsab f’diffikultajiet finanzarji. Inoltre irrizulta mit-trattazzjoni illi l-imputat huwa missier ta’ familja u qieghed irabbi erbat itfal.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 309 u 310, fuq ammissjoni tieghu stess, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini ili hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**Magistrat Edwina Grima (ft)**

**Joelle Camilleri**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------